# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-5 ta' Dicembru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 186/2022 CL

## Avukat Dr Mary Grace sive Graziella Buhagiar gja' Debono Roberts ( KI nru 144775M)

## VERSUS

## Raymond Debono Roberts (KI nru 302972M)

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-24 ta' Gunju 2022 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut jigi ikkundanat jhallas is-somma ta' erbat elef sitt mija u sitta u tlettiin euro (€4,636), flimkien ma' l-imghax bir-rata ta' tmineja fil-mija (8%) fis-sena mid-data ta' kull skadenza hawn taht imsemmija sal-hlas effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull dritt ulterjuri spettanti lill-attrici konpriz in konnesjoni mal-iskadenzi l-ohra precedenti u li ghad ser jsiru dovuti.

Skond il-kuntratt tas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet datat 13 ta' Lulju 2010 in atti tan-Nutar Patricia Hall (Dok A) gie stipulat illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici manteniment ta' €200 fix-xahar ghal kull wild, liema manteniment jizdied kull sena skond iz-zieda ta' l-gholi tal-hajja mhabbra mill-gvern u ghalhekk ghal perjodu msemmi l-manteniment huwa fl-ammont ta' €231.80. Dan il-manteniment huwa dovut lilha ghal perjodu ta bejn Awissu tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) sa Mejju elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) ghal zewg ulied tal-partijiet fl-ammont ta' €231.80 kull xahar biz-zieda tal-gholi tal-hajja skond ir-rata ta' 2021.

Ra li ghad li l-konvenut ma kienx debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri,dehret Dr. Camilleri li tat ruhha notifikata bl-avviz tat-talba u t-terminu ghar-risposta beda jiddikora minn dakinhar. Fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2022 it-Tribunal innota li l-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu (jew xi difensur ghalih) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Fil-konfront tal-konvenut gie prezentant kapitolu mill-attrici waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2022[1]. Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva, tat-2 ta' Novembru 2022, peress li l-konvenut naqas milli jirregistra dehera biex jwiegeb ghal tali kapitolu. Fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad fid-decizjoni in re **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**[2] illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."

Fis 26 ta' Ottubru 2022 xehdet Graziella Buhagiar, fejn ikkonfermat l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet li jinsab a foll. 6 tal-process, li permess tieghu l-konvenut kellu jhallas manteniment ghal zewgt itfal ta' €200 fix-xahar ghal-kull wild. Kien ilu ma jhallas manteniment madwar hames jew sitt snin.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali waqt is-seduta meta l-avukat difensur tat- ruhha notifikata. Minkejja tali notifika, il-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex isseh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenzi sussegwenti meta kien imsejjah ghas-subizzjoni. Tali konvenut ghalhekk, kien fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza

[1] Kapitolu a foll.20
[2] Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998

tas-26 ta' Ottubru, 2022. Mid-dokumenti li gewipprezentati kif ukoll ix-xhieda ta' Graziella Buhagiar it-Tribunal jara li l-attrici irnexielha tipprova t-talba taghha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas lill-istess attrici s-somma ta' erbat elef sitt mija u sitta u tlettiin euro (€4,636) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mill-24 ta' Gunju 2022[3] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[3]Data ta' meta giet ipprezentata l-kawza